**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum, 30 ta' Novembru, 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**

**vs**

**Leighton Farrugia ID 115593(M)**

**Kump Nru 216/23 NB**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat:** **Leighton Farrugia ta' 30 sena, iben Raymond u Maria Tania xebba Fenech imwieled l-Pieta' nhar il-5 ta' Marzu 1993, resident 231, Mdina Road Qormi u detentur tal-karta tal-Identita' numru 115593M.**

**Akkuzat talli:** *fl-14 ta' Marzu 2023 bejn 17:00hrs u 20:00hrs f' triq il-Makkinarju, Bulebel, Zejtun u postijiet ohra fil-gzejjer Maltin.*

> *1. Kull minn mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Frankie Apap f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Frankie Apap. Fejn intuzaw armi, strumenti u ghodod ohra kollha li ma jitqiesux bhala armi hlief meta jintuzaw ghal-offiza u difiza, b'rizultat ta griehi ta' natura Gravi hekk kif iccertifikata min Dr. Nicholas Scicluna MD4446. Artikoli 214, 215, 216, 64(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta Artikoli 218, 64(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, b'din il-hsara taccedi l- elfejn u hames mitt Euro (€2,500) Ghat-total ta' hamest elef, mija u erba u hamsin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5,154.21) Artikoli 325 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*3. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Frankie Apap. Artikoli 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*4. Għamilt reat ieħor wara li kont ġejt ikkundannat għal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Simone Grech, datata 02/31/2023, u mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq, datata 29/11/2021, mill-Maġistrat Dr. Simone Grech, datata 29/03/2022 liema sentenza saret definittiva, b'hekk ġibt ruħek reċidiv. Artikoli 49,50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Frankie Apap skond l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.*

**Rat id-dokumenti** esebiti u l-atti proċesswali kollha.

**Semgħet, waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu** liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat anke wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u tghatu anke zmien biex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu u jerga jikkonsulta ruhu mal-avukat.

**Rat li fl-istess seduta tas-16 ta' Marzu 2023, tramite d-difensur tieghu, l-imputat talab sabiex in vista tal-ammissjoni isir *pre-sentencing report*,** liema talba ma kienetx opposta la mill-prosekuzzjoni u lanqas mill-parte civile u giet milqugha mill-Qorti.

**Rat ukoll** illi matul il-kors ta' dawn il-proceduri l-imputat tpogga taht Ordni ta' Supervizjoni Provizorja u gie segwit minn Ufficjal tal-Probation.

**Rat id-dokumenti esebiti fosthom** il-fedina penali tal-imputat (Dok JM 2), l-istqarrija tal-imputat (Dok JM 11), ir-ritratti (Dok JM 8), ir-rapport (Dok JM 10), il-current incident report (Dok JM 3) u l-atti processwali kollha.

**Rat il-Pre-Sentencing Report redatt mill-ufficjal tal-*Probation* Maria Mifsud esebit waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2023 u mmarkat bhala Dok MM 1 (fol 109 et seq)** u semghet ix-xhieda tal-istess Ufficjal tal-*Probation* fis-seduti tas-**27 ta' Marzu 2023 (fol 72 et seq)** u tat-**12 ta' Gunju 2023 (fol 102 et seq)** fejn spjegat li n-natura tal-akkuzi li

bihom hu akkuzat l-imputat huma serji. Hija tghid li l-imputat m'ghandux kazijiet ohra pendenti l-Qorti izda fil-passat kellu istanzi ta' rejati kif jidher mill-fedina penali tieghu. Tghid illi f'Marzu 2023 hija rreferiet lill-imputat sabiex jibbenfika minn ghajnuna psikologika minhabba *money addiction*, *emotional regulation* u *dealing with past traumas* u in segwitu ghal din ir-*referral* jirrizulta illi huwa kellu appuntament mal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri li sostna li l-imputat wera evidenza ta' *post traumatic stress disorder* u li fih hemm rimors kbir ghal dak li kien ghamel. Sostna li fil-kaz prezenti gara li l-emozzjoni ta' rabja abbinata ma *paranoia* hadu *over* u ghalhekk ikun utili li f'sentenza eventwali l-imputat jinghata Ordni ta' Trattament sabiex jibqa jiehu *psychiatric treatment* minhabba *psychiatric illness*.

L-ufficjal tal-Probation Mifsud irrakkomandat illi ma jkunx idoneju li l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva izda jkun aktar ta' beneficcju ghalih u ghas-socjeta li jinghata Ordni ta' *Probation* u Servizz a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kap 446, bl-ghan ikun illi filwaqt li tramite l-*probation* l-imputat ikun qed jinghata l-gwida necessarja li ghandha zzommu l-boghod mill-kommissjoni ta xi rejat iehor, bix-xoghol fil-komunita huwa jkun qieghed jghati kumpens b'mod fattwali lura lis-socjeta. Hija ssugeriet ukoll li jkun ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 sabiex l-imputat ikun jista jibqa' jibbenefika minn ghajnuna psikologika.

**Rat iz-zewg noti ossia rapporti tal-ufficjal tal-Probation Maria Mifsud tal-5 ta' Lulju 2023 (fol 154 u 155) u tas-27 ta' Novembru 2023** fejn f'entrambi kazijiet l-istess ufficjal informat lill-Qorti li l-imputat qed jirrispondi b'mod tajjeb ghall-ghajnuna offruta lilu u li zjara fir-residenza tieghu wriet li din hija mghammra tajjeb u nadifa.

**Semgħet lill-ufficjal prosekutur James Mallia, lir-rapprezentant tal-Parte Civile l-PL Colin Galea u lid-difensur tal-imputat Dr. Edward Gatt, waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2023 jittrattaw dwar il-piena li ghandha tkun meqjusa idoneja f'dan il-kas.** L-ufficjal prosekutur tenna li ghalkemm l-akkuzi de quo huma serji hafna huwa ma jhossx li piena karcerarja effettiva tkun wahda idoneja izda tenna li l-piena ghandha xorta wahda tkun tali li l-imputat jifhem il-gravita tar-rejat li wettaq. Il-PL Galea ghall-parte civile iddikjara li una volta l-parte civile tithallas tad-danni li soffriet hija tkun soddisfatta. L-avukat difesnur tal-imputat prattikament halla f'idejn il-Qorti biex tikkalibra l-piena b'dan illi ssenjala illi mir-rapporti tal-ufficjal tal-probation jidher li l-imputat kien qed jikkoopera bis-shih u ghalhekk sakkem il-piena ma tkunx wahda ta' prigunerija effettiva irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti anke ghaliex il-parte civile kienet ser tithallas tad-danni subiti.

**Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.**

***<u>IKKUNSIDRAT</u>***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tieghu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat u c-cirkostanzi ta' kif sehh, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali tal-imputat u kif ukoll il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar il-piena fosthom il-fatt li l-Prosekuzzjoni sostniet li l-imputat ma jibbenefikax minn piena karcerarja effettiva filwaqt li d-difiza rrimettiet ruha ghal gudizzju tal-Qorti fl-isfond tar-rizultanzi pozittivi li hargu mill-pre-sentencing repoert tal-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti rat ukoll illi permezz ta' rikors konguntiv iffirmat mill-avukat tal-imputat u kif ukoll minn dak tal-parte civile (fol 151) il-partijiet talbu lill-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex l-ammont ta' €5,000 depozitati l-Qorti bhala garanzija ghall-helsien mill-arrest tal-imputat jigi rilaxxjat u zbankat favur il-parte civile bhala rizarciment ta' dak dovut lill-istess parte civile u rat ukoll li d-difensur tal-parte civile iddikjara fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2023 (fol 100) li l-parte civile tkun soddisfatta bl-ammont ta' €5,000 ghall-pretensjonijiet kollha taghha ghas-saldu. B'Digriet taghha fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2023, l-Qorti rriservat li tipprovdi dwar it-talba ta' zbank f'din is-sentenza.

Il-Qorti tqis illi tenut ta' dak kollu hawn fuq espost ikun idoneju illi hija tabbraccja r-rakkomandazzjonijiet tal-ufficjal tal-probation billi hi tal-fehma illi sentenza ta' prigunerija effettiva mhiex wahda idoneja ghall-imputat f'dawn ic-cirkostanzi, izda jkun aktar ta' beneficcju ghalih u ghas-socjeta li jinghata Ordni ta' *Probation* u Servizz a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kap 446 sabiex b'dan il-mod fuq in-naha l-wahda jigi assigurat li tramite l-*probation* l-imputat jinghata l-gwida necessarja ghat-triq u minn naha l-ohra, bix-xoghol fil-komunita, huwa jkun qieghed jghati kumpens dirett u b'mod fattwali lura lis-socjeta biex ipatti tal-hazin li wettaq, oltre li ihallas lura lill-parte civile tad-danni, minn dan tal-ahhar, sofferti. Hija wkoll il-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz ikun hemm ukoll Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 sabiex l-imputat jibqa' jibbenefika minn ghajnuna psikologika li ghandu bzonn u finalment il-Qorti ser tkun qeda wkoll tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-imputat u favur il-parte civile Frankie Apap.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikoli 17, 49, 50, 64(2), 214, 215, 216, 218, 325 (1)(a), 339(1)(e), 382A u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **<u>fuq ammissjoni, ssib lill-imputat Leighton Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-</u>**

**hati taht Ordni ta’ *Probation* u Servizz fejn l-Ordni ta’ Probation ikun ghal zmien ta’ tlett (3) snin u l-element ta’ servizz fil-komunita jkun ta’ mitt (100) siegha xoghol fil-komunita liema xoghol jsir skond l-arrangamenti mhejjija mid-Dipartiment tal-*Probation u Parole*, dan kollox skond l-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment.**

**Inoltre, b’applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u tohrog kontra tieghu Ordni ta’ Trażżin fir-rigward ta’ Frankie Apap liema Ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma’ din is-sentenza.**

**Inoltre’ bl-applikazzjoni tal-Art. 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Trattament ghal zmien tlett (3) fuq il-ħati ghall-ghajnuna psikjartika u psikologika li jehtieg kif identifikati fil-pre-sentencing report.**

Il-Qorti, b’referenza ghar-rikors konguntiv tat-23 ta’ Gunju 2023 fejn qed jintalab l-izbank tas-somma ta’ hamest elef Euro (€5,000), depozitati minn Leanne Farrugia bhala depozitu ghal helsien mill-arrest preventiv tal-hati, favur il-*parte civile* Frankie Apap jew l-Avukat Jose Herrera f’isem l-istess *parte civile* qeda tilqa t-talba u tawtorizza b’mod immedjat l-istess zbank tal-ammont ta’ hamest elef Euro (€5,000) hekk depozitati favur il-*parte civile* Frankie Apap jew l-Avukat tieghu.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija fl-istess zmien u/jew jekk ma jwettaqx is-servizz fil-komunita ordnat b’din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 412D(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli jikkonforma ruħhu ma’ xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta’ *Probation* u Servizz tigi moghtija lill-hati u kopja ohra tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista’ jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati u sabiex jithejjew l-arrangamenti mehtiega biex il-hati jwettaq ix-xoghol fil-komunita ordnat b’din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u ta’ din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Novembru 2023**